**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 9 ta' Mejju 2018

Rikors Numru 149/2017 GM

Oilworks Limited (C 52162)

-vs-

Marco La Pira
Passaport Taljan nru 1400846

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Oilworks Limited ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2017 li jaqra hekk:

"Previa kull dikjarazzjoni ta' din l-Qorti hekk meqjusa necessarja, il-konvenut ihallas is-somma ta' erbatax-il elf, mija u tnejn u tmenin euro (€14,182) jew dik is-somma ohra verjuri li din il-Qorti tikkundannah ihallas.

Din is-somma tirrapprezenta l-bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti bhala ripagament ta' self maghmul minnha lilu fil-15 t'Ottubru 2014.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni."

Rat li l-intimat ġie notifikat;

Rat li, fl-udjenza tat-30 t'April 2018, ir-rikorrenti ppreżentat Kapitoli għas-subizzjoni tal-intimati, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għall-approvazzjoni tal-Kapitoli u għas-subizzjoni tal-intimati;

Rat li, minkejja dan, l-intimati, imsejjħin tlett darbiet, baqgħu ma dehrux biex jiċħdu l-mistoqsija magħmula lilhom in subizzjoni.

Tqis għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba kif dedota fir-rikors promotur tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' €14,182 bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-Avviż tat-Talba.

Mag. Dr Grazio Mercieca